# Il-persuni b'diżabilità – storja, sterjotipi u stigma

(l-ewwel parti)



Dr Vickie Gauci

Lecturer
Department of Disability Studies



Il-mod li bih inħarsu lejn il-persuni b'diżabilità nbidel matul is-snin skont l-avvenimenti storiċi li kienu qegħdin iseħħu fid-dinja. Len Barton, attivist b'diżabilità u akkademiku fl-istudji tad-diżabilità qal hekk, "il-mod kif inħarsu u niddefinixxu d-diżabilità huwa fundamentali, għaliex is-suppożizzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawn l-istess definizzjonijiet jistgħu ikunu offensivi u jistgħu joħolqu sterjotipi u stigma." Iżda għalfejn għandna bżonn inħarsu lura lejn l-istorja? Jeħtieġ niffukaw fuq l-istorja sabiex nifhmu kif kienet mgħixa l-esperjenza tad-diżabilità fis-soċjetajiet taż-żminijiet ta' qabilna u sabiex nifhmu minn fejn ġew ċerti sterjotipi fuq id-diżabilità fiż-żminijiet tagħna. Fuq kollox, huwa importanti li nifhmu dawn l-affarijiet sabiex ikollna l-argumenti li bihom nistgħu niġġieldu għall-politika ta' bidla fl-istrutturi tal-lum.

Jekk nibdew mill-preistorja sa qabel il-Medjuevu, naraw li l-persuni b'diżabilità minn dejjem kienu kkunsidrati bħala 'differenti'. Kienu jarawhom bħala konsegwenza tad-dnub, li jġibu s-saħta fuq il-familja u n-nies kienet tibża' minnhom. Għalhekk kienu jaħbuhom u jwarrbuhom. Din l-istigma wasslet biex ġenerazzjonijiet sħaħ ta' persuni b'diżabbilità ġew emarġinati mis-soċjetà.

Fost il-Griegi, il-morda kienu kkunsidrati inferjuri, u Plato kien jirrakkomanda li trabi li jitwieldu b'xi deformità jiġu mwarrba f'xi post mhux magħruf. Min-naħa l-oħra, id-duttrina kristjana tal-bidu kienet introduċiet il-fehma li l-mard la hu diżgrazzja u lanqas kastig għal xi dnub, iżda, għall-kuntrarju, kien mezz ta' purifikazzjoni u grazzja.

Ġrajjiet storiċi bħar-Rivoluzzjoni Industrijali ħarġu lill-persuni b'diżabilità fil-beraħ. Sakemm huma kienu jgħixu fl-irziezet fil-kampanja mal-familji tagħhom huma kienu b'xi mod protetti (jew le) fl-isfera privata. Iżda meta n-nies bdew imorru jgħixu fl-ibliet biex ikunu eqreb tal-fabbriki li setgħu jagħtuhom xogħol, bdew il-problemi għal kull min kellu xi diżabilità. L-idea li d-diżabilità kienet piż għas-soċjetà bdiet minn hawn; mill-fatt li dawn il-fabbriki kienu jeħtieġu nies ta' ċerta saħħa u stamina biex jaħdmu fihom – saħħa li l-persuni b'diżabilità ma kellhomx.

**Kejl u normi ġodda**

Għaldaqstant kellu jinħoloq kejl jew norma li biha setgħu jagħżlu dawk li kienu tajbin biex jaħdmu minn dawk li ma kinux. Id-diżabilità eskludiet ħafna nies mix-xogħol, bir-riżultat li dawn spiċċaw fit-toroq, jittallbu għall-għixien tagħhom. Id-diżabilità u l-faqar saru jfissru l-istess ħaġa.

Professjonisti mediċi ħadu fuqhom ir-rwol li jeżaminaw lil din il-kategorija ta' nies biex jaraw min kien kapaċi għax-xogħol u min le. Jekk dawn in-nies ma setgħux jiġu mfejqa allura kienu jiġu kkunsidrati li ma kienu kapaċi jikkontribwixxu xejn lis-soċjetà.

Il-problema kienet tinstab fl-individwu. Id-diżabilità, in-nuqqas fiżiku jew mentali, kien l-uniku kejl, l-unika karatteristika tal-persuna. Is-soluzzjoni biex jitneħħew dawn it-tallaba kollha mit-toroq, kienet li jinħolqu istituzzjonijiet kbar li fihom setgħu jissakkru dawk kollha li għal raġuni jew oħra ma setgħux jaħdmu.

Fis-seklu sittax, sfortunatament, mexxejja nsara bħal Luteru u Kalvinu kienu xerrdu t-twemmin li nies b'diżabilità, speċjalment dawk b'diżabilità intellettwali jew mentali, kienu posseduti minn spirti ħżiena. Allura ħafna minn dawn in-nies kienu jiġu maħqura u msawta biex jitneħħew minnhom dawn l-ispirti.

**Il-pornografija tad-diżabilità**

Mill-1840 sal-1940, kienu wkoll popolari *freak shows* fejn kienu jiġu esibiti nies b'deformitajiet varji, nani, ġganti, Siamese twins, u oħrajn, bħala għoġbijiet għad-divertiment tal-bqija tas-soċjetà. Bl-istandards tal-lum dawn is-shows narawhom bħala sfruttament krudili ta' persuni umani – il-pornografija tad-diżabilità. Iżda minkejja dan, għal mitt sena sħaħ dawn ix-shows kienu aċċettati bħala wieħed mid-divertimenti l-aktar popolari fl-Amerika u f'ħafna pajjiżi oħra.

Wieħed mill-istoriċi soċjali, Robert Bogdan, jgħid li dawn il-freaks ma kinux jitwieldu hekk, iżda kienu jiġu magħmula hekk mid-dinja tad-divertiment ta' dak iż-żmien. U, għax ma kinux isibu xogħol ieħor, ħafna drabi dawn l-hekk imsejħa *freaks* kienu jagħtu l-kunsens tagħhom biex jiġu esibiti b'dan il-mod. Fil-fatt ħafna minn dawn il-kurżitajiet umani sabu fama u fortuna, sakemm il-professjoni medika ma sabitx ruħha fuq nett fil-ġerarkija tas-soċjetà u bidlithom minn oġġetti tal-għaġeb għal xempji ta' mard u patoloġiji varji.

Is-Seklu dsatax imbagħad kien karatterizzat mill-istituzzjonijiet li nħolqu għal kull forma ta' mard u mill-interventi li kienu jsiru fuq dawk li kienu joqogħdu ġo fihom. F'dan is-seklu sar famuż il-mudell mediku tad-diżabilità, fejn il-persuna b'diżabilità kienet tiġi meqjusa biss mid-dijanjosi, mill-kategorija ta' mard, li kienet tingħata lilha mit-tobba. Matul dan iż-żmien, dawk li kienu jemmnu u jsostnu d-Darwiniżmu soċjali, bdew joħduha kontra l-fatt li l-Gvern jagħti xi forma ta' għajnuna finanzjarja lill-fqar u dawk b'diżabilità. Huma kienu jsostnu li l-pajjiż ma kellux jibqa' jipproteġi u jippreserva lil dawk hekk imsejħa minnhom 'mhux b'saħħithom' għax hekk il-proċess naturali li fih in-natura kienet weħidha teliminahom u ssalva biss lil dawk li kienu l-aqwa u l-aħjar biex ikomplu joħolqu ġenerazzjonijiet b'saħħithom, kien qed jiġi mfixkel.

Għalhekk kienu bdew metodi ta' sterilizzazzjoni furzata tan-nies li kienu jinstabu fl-istituzzjonijiet u wkoll ma kinux iħalluhom la jiżżewġu u inqas u inqas li jkollhom tfal. Dan kollu biex isalvaw biss dawk li kienu l-iktar b'saħħithom... *the survival of the fittest*. Il-fatt li kienu jkunu segregati f'istituzzjonijiet kienet tagħmilha iżjed faċli biex nies bħal dawn isiru vittmi ta' sperimentazzjoni medika u prattiċi li jmorru 'l bogħod mill-etika tal-professjoni medika. Dan kollu kien qiegħed bil-mod il-mod jibni s-sisien għall-programmi ta' *eugenics* fil-Ġermanja nazista, li laħqu l-kulminazzjoni tagħhom bejn l-1939 u l-1945 meta hu maħsub li nqatlu bl-aktar modi barbariċi bejn 200,000 u 275,000 persuni b'diżabilitàjiet fiżiċi, intellettwali u mentali.

Kien għalhekk li wara t-tieni gwerra dinjija, fl-10 ta' Diċembru 1948, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti adottat id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet Umani, sabiex dawn l-atroċitajiet ma jerġgħu qatt jirrepetu ruħhom.

Sa dawn iż-żminijiet, il-persuni b'diżabilità ma kellhomx vuċi. Kienu jitkellmu għalihom il-ġenituri u l-professjonisti fil-qasam soċjali u dak tas-saħħa. Il-Knisja kienet minn tal-ewwel li tat is-servizzi tagħha għal dawn il-persuni ispirata mill-mudell tal-karità.

U x'kienet ir-reazzjoni tal-persuni b'diżabilità għal dan? Il-fatt li dawn il-persuni kienu segregati f'istituzzjonijiet, skejjel speċjali, u ċentri tar-rijabilitazzjoni apposta, ma sewiex biss biex isaħħaħ l-attitudnijiet negattivi tas-soċjetà lejhom, iżda għen ukoll biex jibdew jiżviluppaw gruppi b'identità tagħhom li iktar 'il quddiem kellhom iwasslu għall-attivizmu politiku fil-qasam tal-persuni b'diżabilità. Min-nofs tal-1900, il-persuni b'diżabilità, l-ewwel fl-Amerka u mbagħad fl-Ingilterra u pajjiżi oħra, ġew ispirati minn gruppi ta' minoranzi oħra biex jibdew jagħmlu huma wkoll pressjoni fuq il-gvernijiet u jsemmgħu leħinhom fil-ġlieda għad-drittijiet ċivili tagħhom. Riedu huma wkoll jibdew jiġu stmati ta' ċittadini bħall-bqija tas-soċjetà. Ifforma hekk il-Moviment tal-Persuni b'Diżabilità.

**It-tieni parti ta' dan l-artiklu tiher fil-ħarġa li jmiss.**